# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 5 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**vs**
**Cynthia Zerafa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Cynthia Zerafa u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 377786M.

Akkuzata talli matul ix-xahar ta' Settembru 2017 ikkommettiet serq ta' gojjellerija mill-fond Viani Apartments, Block A, Flat 1, Viani Street Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi mitejn tnejn u tlettin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma ma jeccediex is-somma ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37), kif ukoll bil-persuna fejn kienet impjegata bhala seftura, ghad-dannu ta' Marcona Micallef minn ta' Sliema.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u c-cirkostanza li fihom sehh l-imsemmi reat minn-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjopodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**